# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025**

**Numru: 19**

**Rikors Numru 260/2018/2 JPG**

**AB**

**v**

**CB**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut wara deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar it-2 ta' Ottubru, 2024 f'kawża għal separazzjoni personali, fejn, fost l-oħrajn, sabet lill-konvenut unikament responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, ordnat li d-dar matrimonjali titpoġġa fuq is-suq għall-bejgħ bir-rikavat jiġi diviż bejn il-partijiet b'mod li minn sehmu, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' €35,000 bħala ekwiparazzjoni għal sehem l-attriċi mill-garaxx li ġie allokat lill-

konvenut.  Ordnat ukoll lill-konvenut jiżgombra mid-dar matrimonjali fi żmien tliet xhur.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) fid-9 ta' Ottubru, 2018, AB (l-Attriċi) spjegat li hija żżewġet lill-konvenut fl-20 ta' Diċembru, 1992 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, illum maġġorenni. L-attriċi fissret li l-ħajja miżżewġa tkissret kaġun tal-aġir inaċċettabbli tal-konvenut, konsistenti fi vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi, vendikazzjonijiet u aġir ieħor mhux xieraq bħal libertaġġini u sparpaljar tal-ġid tal-familja. Fl-4 ta' Jannar, 2017 l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali u marret tirrisjedi flimkien ma' ommha u ż-żewġ ulied li minn jeddhom għażlu li jitilqu magħha. Il-komunjoni tal-akkwisti jikkonsisti fid-dar matrimonjali l-Birgu u garaxx kbir ġewwa Ħaż-Żabbar li fih jinżammu numru kbir ta' muturi li nxtraw matul iż-żwieġ. Insistiet li żewġha kien vendikattiv fil-konfront tagħha u kien anke naqas milli jagħtiha manteniment għal uliedhom *nonostante* li huwa kellu paga ferm tajba.

2. L-attriċi mbagħad għaddiet sabiex ressqet dawn it-talbiet quddiem l-Ewwel Qorti:

"1. **Tiddikjara** 'il konvenut huwa unikament hati fil-konfront tal-attrici tat-tkissir taz-zwieg minhabba vjolenza, theddid, sevizji, inguri gravi, tradiment, sparparjar, abbandun, adulterju u krudelta domestika, jew liema minnhom, u takkorda, kif hawn mitluba, is-Separazzjoni a thoro et mensa';

2. **Takkorda t-talba** hawn maghmul, ghad-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet ta' manteniment f'kaz ta bzonn u dan a tenur tal-Art. 48 (1) (c) ; tordna li **jiddekadi ukoll** mid-drittijiet stabiliti fl-artikli 631, 633, 825 826, u 827 tal-Kap 16 (Kodici Civili); u jigi ordnat biex jirritorna kwalunkwe oggett li ircieva mill-esponenti b'rigal qabel jew wara z-zwieg kif ukoll l-effetti personali taghha li ghad jistghu jezistu fid-dar martimonjali;

3. **Tiddikjara ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk talloka u tqassam** il-gid 'nett' matrimonjali rizultanti wara tnaqqis ta' spejjes rizultanti, kollox kif deskritt hawn fuq u kalkolat minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, billi taghti rispettivament **nofs kull wiehed** lill-partijiet b'dan li preferibbilment, kull parti tircievi xi propjeta' immobilari' in kind'; u billi **talloka bl-istess mod** lil kull-parti il-beni pafernali taghha jekk din tirrizulta kif ukoll ixxolji kull joint account li hemm fil-banek kif ukoll **ixxolji** l-assikurazzjoni fuq il-hajja reciproka li ghandhom bejniethom billi tqassmilhom gustament is sehem rispettiv ta' kull parti in kawza;

4. **Tahtar** lill-attrici bhala **kuratrici unika** taz-zewg ulied peress li I ma jahdimx u ghad ma ghandux Y sena u dment li S tkun ghada tistudja f'istituzzjoni gholja: u konsegwentenent taghtiha **awtorita' paterna** unika fuqhom; salv dritt ta' access reciproku bejn l-ulied u l-missier;

5. Tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti rata xierqa ta' manteniment ghaliha u ghall-istess ulied komuni tal-kontendenti skond il-mezzi tieghu u l-htigiet tal-attrici u l-ulied, dment li dawn ikunu ghadhom jghixu mal-Omm u ma jkollhomx xoghol regolari; u dan bla pregudizzju ghal kwalunkwe manteniment provvizorju ordnat bhala mizura temporanja fil-pendenza tal-gudizzju."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tat-3 ta' April, 2019 CB (il-Konvenut) laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Preliminari – l-esponenti jirrileva li din il-kawza saret tardivament u cioe fuori termini u dana peress li l-medjazzjoni inghalqet fis-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u nfethet mill-attrici fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u ghalhekk din l-eccezjoni ghandha tigi milqugha u l-kawza tigi dikjarata fuori termini;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost **– Dwar l-ewwel eccezzjoni (recte: talba)** l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet b'dana pero li t-tortijiet huma attribwili lil attrici u lil hadd izjed u dana kien ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal – kawza. L-attrici dejjem ghexet hajja ta' sinjura, qatt ma hadmet u l-esponenti dejjem zammha fuq wicc l-idejn; kienet hi li dejjem amministrat il-flus, u dejjem hi hadet hsieb kollox ghax l-esponenti hadem ghall erbatax (14) il-sena fuq il-bahar u desert barra minn xtutna; kollox b'sagrificcju ghall-familja.

3. **Dwar it-tieni talba** – illi din it-talba ghandha tigi michudha peress li ma jezistux l- elementi legali sabiex jigu attivati dawn l-artikoli – illi in oltre dwar it-talba fejn jidhlu rigali, l-esponenti jirrileva li din mhux xi kawza ta' sponsaria, u wisq inqas ma huwa ma inghata ebda rigali minghand l-esponenti ghax hi qatt ma hadmet jew ikkontribwiet sabiex tikber finanzjarjament il-kommunjoni ta' bejn il-partijiet; Din il-qorti ghandha tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur.

4. **Dwar it-tielet talba** – illi l esponenti jaqbel li l-kommunjoni tigi xolta b'dana li l-Qorti ghandha tillikwida l-propjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attur u porzjoni lill-konvenuta ope sententiam.

5. **Dwar ir-raba talba** - din it-talba hija frivola u vessattorja, it-tfal huma magorenni u hija illegali u ghandha tigi michuda;

6. **Dwar il-hames talba** – din ghandha tigi michudha fil-konfront tal-ulied tenut kont li huma magorenni, u hadd minnhom ma huwa taht it-tlieta u ghoxrin (23) sena u ghad qieghed jistudja; Dwar il-manteniment ghall-attrici, din ghandha tigi michuda peress li hi iddekadiet minn dan id-dritt ta' manteniment ghaliha ukoll u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza; anzi ghandha tkun l-attrici li tmantni lil-esponenti peress li hu qieghed ibati konsegwenzi fuq sahtu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;"

4. B'<u>sentenza</u> mogħtija fit-<u>2 ta' Ottubru, 2024</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lir-Raġel bħala unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet minħabba sevizzi, inġurji gravi, vjolenza, u theddid.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet ta' manteniment f'każ ta' bżonn ai termini tal-art. 48 (1) (c) u iddekada ukoll mid-drittijiet stabiliti fl-artikli 631, 633, 825 826, u 827 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet bħala xolta u tgħaddi biex tillikwida l-ġid formanti l-istess komunjoni billi:

a. Talloka lill-konvenut il-garaxx bl-indirizz Nru 9, f' "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar;
b. Tordna li d-dar matrimonjali bl-indirizz Nru 8 u 9, Triq id-Dejqa, il-Birgu titpoġġa fuq is-suq għal bejgħ b'dan li l-partijiet ikollhom l-għażla li jixtru sehem xulxin bi preferenza għall-terzi. Ir-rikavat minn tali bejgħ għandu jiġi diviż bejn il-partijiet b'mod li minn sehem ir-rikavat tad-dar matrimonjali assenjat lill-intimat, l-intimat ghandu jhallas lill-attrici hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (35,500 Ewro)2 bhala ekwiparazzjoni ghal sehem l-attrici mill-garaxx No 9, "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar. Din il-Qorti qiegħda takkorda perjodu ta' tlett xhur lir-Raġel sabiex isib residenza alternattiva u wara dan il-perjodu għandu jivvaka mill-fond matrimonjali sabiex dan ikun jista' jintwera lil xerrejja prospettivi mingħajr inkwiet ta' aċċess. F'kaz illi d-dar ma tinbieghx fi zmien sena u nofs millum, id-dar ghandha tinbiegh b'subbasta.
c. Talloka l-muturi u l-vetturi kollha lill-konvenut Raġel. Min-naħa l-oħra, il-Mara qed tiġi assenjata b'ekwiparazzjoni il-polza t'assikurazzjoni mal-MSV Life p.l.c. bin-numru ta' referenza FP439645.
d. Tordna li kwalunkwe kontijiet bankarji li huma ntestati konġuntivament bejn il-partijiet għandhom jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet. Kontijiet bankarji ntestati f'isem il-partijiet b'mod individwali jibqgħu ta' dik il-parti. Kwalunkwe mandat jew prokura mogħtija mir-Raġel lill-Mara jew vice versa qed tiġi dikjarata bħala revokata u nulla.

4. Tiċħad ir-raba' talba stante li ulied il-partijiet ilum-il ġurnata huma t-tnejn maġġorenni u ghalqu it-tlieta u ghoxrin (23) sena.

5. Tiċħad il-ħames talba għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq.

6. Tinnomina lin-Nutar Dr Liza Schembri sabiex tircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u lill-Kuratur Dr Stefano Filletti biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

L-ispejjes għandhom jitħallsu mill-konvenut."

5. Ir-raġunijiet rilevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

"Illi din il-Qorti semgħet liż-żewġ partijiet, lix-xhieda mressqa u fliet l-atti u wara dan l-eżerċizzju tqis il-verżjoni tal-attriċi bħala aktar verosimili. Tqis illi l-verżjoni tal-attriċi ġiet korroborata minn rapporti mal-Pulizija, mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija stess, minn ulied il-partijiet li llum-il ġurnata maġġorenni, mic-ċertifikat mediku kif ukoll ċertu fatti mill-konvenut innifsu bħal per eżempju atti vendikattivi li żarmalha l-karozza waqt li kienet qed tattendi kors. Din il-Qorti stiednet lill-ulied il-partijiet sabiex jerġgħu jaħsbuha qabel taw ix-xhieda tagħhom iżda dawn iddeċiedew li jixhdu u kienu konsistenti f'dak li qalu.

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija konvinta li l-aggressjoni u l-atteggjament tal-intimat li jahseb li hadd ma jista' ghalih u li r-regoli japplikaw ghal kulhadd barra lilu nniffsu, waslet għat-tifrik taż-żwieġ. Anke meta kien qiegħed jiddeponi, il-konvenut wera attitudni dispreġjattiva għall-aħħar lejn martu bħal jirreferi għaliha bħala "dik" u li arrekiet ruħħha minn fuq daru.

Inoltre, il-provi kollha jindikaw illi l-konvenut ġab ruħu b'mod aggressiv waqt iż-żwieġ fil-konfront ta' martu u ta' uliedu tant li anke ġie fl-idejn ma' ibnu meta dan iddefenda lill-ommu. Il-konvenut donnu jippretendi adorazzjoni minn uliedu u dan għaliex kien imantnihom u jgħinhom fil-proġetti tal-iskola. Din il-Qorti tqis illi dawn huma r-responsabbiltajiet ta' kull ġenitur iżda mhumix l-elementi li jibnu r-rispett u relazzjoni sana bejn ġenitur u uliedu.

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-iżbilanċjar assolut fil-provi li nġiebu. Filwaqt li l-attriċi sostniet dak dikjarat minnha b'dokumenti u xhieda, l-konvenut ressaq ftit li xejn provi. Ma ssostanzjalizza bl-ebda mod la l-allegazzjoni tiegħu li martu kellha wiċċ ħaddieħor, la l-allegazzjoni li martu kienet teħodlu l-flus u twarrabhom għaliha jew li kienet tberbaq bla bżonn.

[...]

Jifdal biss li din il-Qorti tgħaddi sabiex tillikwida u tikkondividi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.

Illi l-unika valuri li tressqu tal-propjeta' parti mill-komunjoni huma r-rapporti tal-perit u inġinier ċivili John Attard u ċjoe li l-fond matrimonjali għandu valur ta' tlett mija hamsa u disghin elf Ewro (€395,000) filwaqt li l-garaxx ġewwa Ħaż-Żabbar għandu valur ta' wiehed u sebghin elf Ewro (€71,000). Oltre minn hekk, hemm il-polza tal-assikurazzjoni li fiha valur ta' madwar sittax-il elf Ewro (€16,000) u n-numru ta' muturi. L-attriċi tissottometti illi l-konvenut għandu numru ferm aktar ta' muturi minn dawk li joħorġu mid-dokumenti ta' Transport Malta. Din il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi miġjuba quddiemha.

Din il-Qorti tqis li jkun ekwu u ġust illi l-konvenut jiġi allokat il-garaxx bl-indirizz Nru 9, f' "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq

> Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar. Ghaldaqstant l-attrici ghandha tinghata l-ekwiparazzjoni ta' hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (Ewro 35,500).
>
> Min-naħa l-oħra, id-dar matrimonjali bl-indirizz Nru 8 u 9, Triq id-Dejqa, il-Birgu għandha titpoġġa fuq is-suq għal bejgħ b'dan li l-partijiet ikollhom l-għażla li jixtru sehem xulxin bi preferenza għall-terzi. Ir-rikavat minn tali bejgħ għandu jiġi diviż bejn il-partijiet b'mod li minn sehem ir-rikavat tad-dar matrimonjali assenjat lill-intimat, l-intimat ghandu jhallas lill-attrici hamsa u tletin elf u hames mitt Ewro (35,500 Ewro) bhala ekwiparazzjoni ghall-sehem l-attrici mill-garaxx No 9, "The Muses Garage Complex", Triq iċ-Ċimiterju u Triq Ġdida fi Triq Lanza, Ħaż-Żabbar, Din il-Qorti qiegħda takkorda tlett xhur lill-intimat sabiex l-intimat isib residenza alternattiva. Wara dan il-perjodu, l-intimat għandu jivvaka mill-fond matrimonjali sabiex il-fond ikun jista' jintwera lil xerrejja prospettivi mingħajr inkwiet ta' aċċess. F'kaz illi d-dar ma tinbieghx fi zmien sena u nofs millum, id-dar ghandha tinbiegh b'subbasta."

6. Il-konvenut (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellant) appella <u>b'rikors</u> intavolat fit-<u>30 ta' Ottubru, 2024</u> li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti "*tilqa' l-aggravji tal-esponenti. F'kaz illi l-ewwel aggravju jintlaqa' l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka is-sentenza appellata tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-2 ta' Ottubru 2024 fl-ismijiet premessi. F'kaz illi l-ewwel aggravju ma jintlaqax, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn issibu responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn tordna lill-esponenti sabiex jivvaka mid-dar matrimonjali.*"

7. L-attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata) ressqet ir-<u>risposta</u> tagħha fit-<u>18 ta' Novembru, 2024</u>, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-appell interpost mill-attur jiġi miċħud.

8. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

**L-Ewwel Aggravju – L-Ewwel Qorti skartat l-eċċezzjoni preliminari rigward it-tardività tal-kawża.**

9. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jirreferi għall-eċċezzjoni preliminari li kien ressaq quddiem l-Ewwel Qorti li l-azzjoni attriċi kienet tressqet tardivament u dan peress li l-medjazzjoni kienet ingħalqet fis-7 ta' Awwissu 2018 filwaqt li l-kawża nfetħet fid-9 ta' Ottubru, 2018.

10. Fl-aggravju tiegħu l-appellant kull ma jgħid huwa dan li ġej:

> "9. Illi minkejja din l-eċċezzjoni preliminari bil-miktub, il-Qorti qieset illi l-konvenut irrinunzja għal tali eċċezzjoni u għaddiet biex iddeċidiet fuq il-mertju;
>
> 10. Illi għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi dan l-aggravju għandu jiġi milqugħ."

11. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tirreferi lil din il-Qorti għall-verbal tas-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tas-26 ta' April, 2019, u tgħid li

l-appellant qatt ma ta attenzjoni aktar lil din l-eċċezzjoni tiegħu tant li għalkemm wara li ġew magħluqa l-provi l-partijiet ingħataw termini sabiex jippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet, il-konvenut appellant naqas milli jipprezenta tali nota u li b'hekk naqas jitratta din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

12. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut kien invoka **Regolament 11 tar-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20)** li jipprovdi illi meta jiġu fi tmiemhom il-proċeduri ta' medjazzjoni tal-familja, il-medjatur tal-familja għandu jinforma lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jekk il-partijiet waslux għall-ftehim. Jekk ftehim ma jkunx intlaħaq, il-qorti għandha tawtorizza lill-partijiet jistitwixxu kawża fi żmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jiġi mogħti għal raġuni gravi. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jinsisti li l-kawża ġiet intavolata *fuori termine* u jikritika s-sentenza tal-Ewwel Qorti illi ċaħditlu din l-eċċezzjoni wara li kkunsidrat illi kien irrinunzja għaliha.

13. Bħala punt tat-tluq tajjeb li jiġi rilevat illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut ma ressaqx l-eċċezzjoni li r-rikors promotur huwa null imma li ġie ppreżentat tardivament peress li fil-jum li fih ġie ppreżentat it-terminu ta' xahrejn kien skada b'ġurnata.

14. B'mod ġenerali, meta terminu legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien. Huwa statwit illi ż-żmien legali jew ġudizzjarju jimxi wkoll kontra l-parti li fuq talba jew favur tagħha jkun mogħti, u meta mhux perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid.[1] Mhux kull nuqqas ta' osservanza ta' termini imposti minn qorti sabiex parti tiddeduċi azzjoni, jirrendi tali azzjoni perenta. Hemm distinzjoni bejn terminu sabiex tiġi intavolata kawża stabbilita mil-liġi u terminu ordnat fid-diskrezzjoni tal-qorti. (ara **Lydia Restall v. Andrew Bezzina et.** - Appell Superjuri - 7 ta' Ottubru, 1997).

15. L-atti ġudizzjarji, magħmulin bis-saħħa ta' att null jew li ġejjin minn att null, huma wkoll nulli. Imma l-att null jista' jsir mill-ġdid, jekk ma jkunx għadda ż-żmien perentorju li fih għandu jsir. Fl-istess ħin ħadd ma jista' jeċċepixxi nullità ta' forma li tagħha huwa jew dawk li jagħmlu floku jkunu l-ħtija.[2]

[1] Art. 102, 105, u 106, Kap. 12
[2] Art. 98, 99 u 100, Kap. 12

16. Eċċezzjoni li tattakka r-ritwalità tal-proċedura, għandha, min-natura tagħha, tiġi deċiża fi stadju bikri tal-proċeduri sabiex jiġi evitat sitwazzjoni fejn, jekk dik l-eċċezzjoni jkollha mis-sewwa, jinġabru l-provi fil-mertu inutilment b'ħela ta' ħin u riżorsi għall-kulħadd, mhux biss tal-partijiet imma wkoll tal-qorti. Bħala regola ġenerali, għandha ssir insistenza mal-qorti, da parti ta' xi ħadd mill-partijiet, b'mod partikolari minn min ikun eċċepiha, sabiex tingħata sentenza fuq dik l-eċċezzjoni preliminari li tattakka r-ritwalità tal-proċedura qabel ma jiġi investit il-mertu. (ara **Joseph Gauci v. Eleonora Gauci** - Appell Superjuri - 31 ta' Jannar, 2019).

17. Bħala regola ġenerali, sabiex azzjoni ġudizzjarja tkun valida teħtieġ li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li timponi fuqha l-liġi, u n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti tista' twassal għan-nullità tal-istess att. Termini proċedurali huma termini li jolqtu ż-żmien li fih att ġudizzjarju għandu jiġi pprezentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jiġix ippreżentat fi żmien preskritt. Hemm ġurisprudenza li żżomm illi l-eċċezzjoni tan-non osservanza tat-termini legali huma sollevabbli *ex officio* peress illi r-regoli dwar il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-qrati huma ta' ordni pubbliku. (Ara **Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Generali (Kuntratti) et** - Appell Superjuri - 24 ta' April, 2015; ara wkoll is-sentenza hemm ċitata **Sammut v. Pellegrini Petit** - Appell

Superjuri - 16 ta' Novembru, 1920: *"… … quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e` termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile".)*

18. Mhux kull nuqqas ta' osservanza ta' terminu legali jwassal neċessarjament għall-irritwalità tal-atti.

19. Fir-rigward ta' kawżi quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), it-termini imposti mil-liġi għall-preżentata tal-kawża jieħdu rilevanza aktar pronunzjata peress li, b'eċċezzjoni għar-regola ġenerali, huwa mogħti d-dritt li matul il-medjazzjoni tal-familja l-partijiet jottjenu l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra xulxin kif ukoll li jingħataw digrieti *pendente lite* sabiex proviżorjament jirregolaw fost l-oħrajn il-kura u kustodja u l-manteniment tal-ulied minuri, il-manteniment tal-konjuġi u r-residenza fid-dar matrimonjali. (**Regolament 4 (13), L.S. 12.20)**. B'dan illi mal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju fil-pendenza tal-medjazzjoni tal-familja, ma jiskattax it-terminu legali sabiex tiġi intavolata l-kawża kif insibu f'każijiet oħra. Bil-konsegwenza, li sakemm iddum għaddejja l-proċedura ta' medjazzjoni tal-familja, il-mandati kawtelatorji maħruġa fil-kors tal-medjazzjoni jibqgħu fis-seħħ bis-saħħa ta' dik l-istess medjazzjoni.

20. Eċċeżżjoni din għar-regola ġenerali illi wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, ir-rikorrent għandu jistitwixxi l-kawża mhux aktar tard minn għoxrin jum wara l-ħruġ tal-mandat (ara b'eżempju **Art. 843, Kap. 12** rigward il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni u l-kawża li ssegwi).

21. Din il-Qorti diversament komposta ġia kellha l-okkażjoni titratta aggravju identiku bħal dak in diżamina. Fis-sentenza **Joseph Gauci v. Eleonora Gauci** mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2019, fejn il-kawża ġiet intavolata wara li skada t-terminu ta' xahrejn mid-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni, irraġunat kif isegwi:

> *"Qabel xejn il-Qorti hija perplessa kif il-partijiet hallew din il-kawza timxi regolarment bil-partijiet ressqu l-provi bejn l-2009 u l-2015 b'rizultat li meta l-kawza marret ghas-sentenza il-Qorti kellha bilfors tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tan-nullita' li tressqet sa mill-bidu tal-kawza. Kien messha saret insistenza fuq il-Qorti da parti ta' xi hadd mill-partijiiet biex tinghata sentenza fuq din l-eccezzjoni u mhux jitressqu l-provi kollha biex imbaghad ikun sar kollox ta' xejn. Ta' dan jahtu l-partijiet ……………*
>
> *Ma hemmx dubju li f'materja bhal dik odjerna, huwa tassattiv ghall-partijiet li l-ewwel jirrikorru ghall-medjazzjoni kif rikjesta mir-regolament tal-Avviz Legali 397 fuq imsemmi. Dan l-appellant ghamlu u in effetti ottjena l-awtorizzazzjoni biex jistitwixxi l-proceduri quddiem il-Prim Awla (Sezzjoni Familja). Madankollu imbaghad naqas li jistitwixxi l-azzjoni entro x-xahrejn imsemmija fir-regolament."*

22. Il-Qorti tal-Appell għaddiet imbagħad sabiex tiċċita minn sentenza fejn il-Qorti tal-Familja, wara li sabet li l-medjazzjoni kienet saret biss fuq l-aċċess tal-minuri u mhux fuq il-kumplament tal-mertu tal-kawża, laqgħet l-eċċezzjoni preliminari li l-kawża ma kenitx ġiet awtorizzata mill-qorti

wara medjazzjoni; iżda minflok ma ddikjarat il-proċeduri nulli, issospendiet is-smigħ u imponiet terminu lill-parti li naqset sabiex tistitwixxi medjazzjoni ġdida fuq il-mertu mhux kopert fil-medjazzjoni preċedenti. Kompliet imbagħad bil-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Il-Qorti jidrilha li dan il-principju ghandu jkun aktar applikabbli ghall-kaz bhal dak odjern fejn kull ma kien jonqos kien li l-appellant jottjeni minghand il-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni biex il-kawza jistitwiha wara x-xahrejn imsemmija mil-ligi. Dan anke ghaliex, kif issottometta l-appellant, in-nullita` trid tkun dikjarata espressament mil-ligi (Artiklu 789 tal-Kap. 12) u l-appellata ma sofriet ebda pregudizzju minn dan in-nuqqas procedurali tal-appellant."*

23. Lura għall-każ li għandna quddiemna, huwa minnu li kien b'digriet tas-7 ta' Awwissu, 2018 li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġabet fi tmiemha l-medjazzjoni numru 446/18 fl-ismijiet "**CB v. AB**" u awtorizzat "lill-partijiet jipproċedu b'kawża u dan fit-termini imposti mill-liġi". Huwa minnu wkoll li l-kawża odjerna ġiet intavolata mill-attriċi fid-9 ta' Ottubru, 2018, ġurnata aktar tard mit-terminu ta' xahrejn, mingħajr mal-attriċi talbet li t-terminu jiġi estiż.

24. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aggravju, u ssib li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma hux fondat.

25. Il-kawża ġiet intavolata fid-9 ta' Ottubru, 2018. Wara diversi tentattivi bla suċċess sabiex il-konvenut jiġi notifikat, finalment ġie notifikat u fit-3 ta' April, 2019 ippreżenta r-risposta ġuramentata bl-ewwel

eċċezzjoni preliminari li "l-kawża tiġi dikjarata fuori termini". Fis-seduta tas-26 ta' April, 2019 il-kawża ġiet differita għas-26 ta' Ġunju, 2019 "għall-informazzjoni ulterjuri/provi fuq l-eċċezzjoni preliminari". Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019 l-Ewwel Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni kif ukoll innominat assistent ġudizzjarju "biex tisma' l-provi tal-partijiet għajr il-partijiet innifishom li tismagħhom din il-Qorti stess". Il-partijiet ħadu mis-sena 2018 sas-sena 2024 sabiex ressqu l-provi kollha tagħhom fil-mertu u fl-ebda mument il-konvenut ma talab lill-Ewwel Qorti sabiex qabel tkompli bis-smigħ tal-provi fil-mertu tiddeċiedi l-eċċezzjoni tiegħu li l-kawża ġiet intavolata *fuori termine.* Meta fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2024 ingħalqu l-provi, l-Ewwel Qorti tat lill-partijiet termini sabiex jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet finali u ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-2 ta' Ottubru, 2024. L-attriċi ppreżentat in-nota ta' sotttomissjonijiet finali tagħha filwaqt li l-konvenut naqas milli jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

26. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet aktar milli ġustifikata li tikkunsidra li ma tilqax l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut. Tajjeb li jiġi rilevat illi t-terminu ta' xahrejn prorogabbli, ma hux la terminu ta' preskrizzjoni u lanqas terminu ta' dekadenza. Għalhekk in-nuqqas ta' osservanza tax-xahrejn kontemplata fil-Liġi Sussidjarja 12.20 ma jġibx l-estinzjoni tal-azzjoni attriċi; bħal fil-każ bħala eżempju meta kontraent fuq konvenju jonqos milli jistitwixxi l-kawża *entro* t-tletin jum kontemplat

f'Artikolu 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili; imma fl-aħjar ipoteżi għall-appellant, il-posponiment tagħha.

27. Meta fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019, aktar minn sitt xhur wara li l-konvenut ippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, l-Ewwel Qorti innominat assistent ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet fil-mertu u ħalliet il-kawża għall-informazzjoni, il-konvenut ma ressaq l-ebda talba sabiex qabel ma jitkompla l-ġbir tal-provi fil-mertu tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Mhux biss, imma kif ġia rajna, ħalla s-snin jgħaddu li fihom sew l-attriċi kif ukoll hu ressqu l-provi kollha tagħhom fil-mertu.

28. Din il-Qorti ssib illi l-konvenut għandu jitqies illi rrinunzja għall-eċċezzjoni li qed nitrattaw mhux tant peress li ma għamilx sottomissjonijiet finali dwarha imma għaliex ħalla sitt snin jgħaddu mingħajr ma talab lill-Qorti tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni, filwaqt li ħalla lill-attriċi tressaq il-provi kollha tagħha fil-mertu, segwiti mill-provi kollha tiegħu fil-mertu wkoll.

29. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza l-aktar prevalenti li żżomm li b'mod ġenerali, safejn leġittimament possibbli, il-qorti għandha ssalva l-atti, u mhux tannullhom, f'rispett lejn il-jeddijiet tal-partijiet. (ara **Middlesea Insurance v. Karl Vella** - Appell Inferjuri - 10 ta' Ottubru, 2005).

30. It-terminu ta' xahrejn kontemplat fir-Regolament numru 11 tal-Liġi Sussidjarja 12.20 huwa intiż primarjament sabiex jipproteġi lil min ikun milqut ħażin b'mandati kawtelatorji u/jew b'digrieti *pendente lite* maħruġa fil-kors tal-medjazzjoni. L-ebda preġudizzju ma ġie allegat mill-konvenut bil-fatt li l-attriċi naqset milli titlob lill-Ewwel Qorti sabiex testendi t-terminu ta' xahrejn li skatta mad-digriet li ġab fi tmiemhom il-proċess ta' medjazzjoni tal-familja.

31. Fiċ-ċirkostanzi partikolari u eċċezzjonali ta' dan il-każ; u għal raġunijiet mhux għal kollox in sintonija ma' dawk mogħtija mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ssib l-ewwel aggravju infondat u għalhekk qed tiċħdu.

**It-Tieni Aggravju – l-apprezzament tal-provi relatat mal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ.**

32. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jattakka s-sentenza appellata peress li skontu l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi meta sabitu unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. Jgħid li kienet l-attriċi li abbandunat id-dar matrimonjali u li kien taħt l-impressjoni li abbandunat id-dar matrimonjali "pendenti xi xogħolijiet strutturali illi kienu għaddejjin fl-istess dar". Jirreferi għat-testimonjanza tax-xhud minnu mressaq Edwin Camilleri, ġar tad-dar matrimonjali, li

xehed li kien jara lill-partijiet jattendu l-quddies flimkien u li qatt ma sema' għajjat jew storbju ġej mid-dar tagħhom u li qatt ma ra lill-konvenut fis-sakra.

33. L-appellant jinsisti li huwa dejjem ta l-massimu għall-familja tiegħu tant li kien mar jaħdem barra minn Malta sabiex il-familja tiegħu ma jkun jonqosha xejn. Għalhekk iqis illi m'għandux jerfa' t-tort għat-tkissir taż-żwieġ.

34. Safejn dan l-aggravju huwa msejjes fuq kritika tal-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti, għandu jiġi mfakkar li hija regola stabbilita illi filwaqt li din il-Qorti tgawdi awtonomija meta tiġi sabiex tgħarbel il-provi in atti, fl-istess ħin ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti sakemm ma jirriżultax ċirkostanzi eċċezzjonali jew jintwera li jkun sar apprezzament irraġjonevoli jew kontradittorju tal-fatti. (ara **Avv. Dr Luigi Sansone nomine v. Strabuono Coffee International Limited** - Appell Superjuri - 12 ta' Jannar, 2023; **Jason Desira et v. Antoine Delicata et** - Appell Superjuri - 29 ta' Marzu, 2023; **T & L Holdings Limited v. Francis Busuttil & Sons Limited et** - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023; u **Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc** - Appell Superjuri - 12 ta' Marzu, 2024).

35. Huwa indubitat li bħala parti fiż-żwieġ, il-konvenut appellant kellu l-obbligu illi: (i) jerfa' responsabbiltajiet flimkien ma' martu; (ii) jieqaf ma' martu kemm moralment kif ukoll materjalment; u (iii) jaħdem skont il-bżonn sabiex imantni lil familtu filwaqt li jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tagħhom (**Artikoli 2 u 3 tal-Kodiċi Ċivili**) (ara **Spiteri v. Spiteri** - Appell Superjuri - 17 ta' Ottubru, 2024). Dawn l-obbligi huma kontinwi waqt il-ħajja miżżewġa u m'għandhomx jiġu mtappna b'aggressjoni u atteġġjament vendikattiv, kif seħħ fil-każ odjern minħabba aġir simili da parti tal-konvenut. L-obbligi hawn fuq imsemmija, inkluż għalhekk li wieħed jaħdem sabiex imantni lil familtu, ma jagħti ebda jedd lill-ebda parti fi żwieġ, jew f'relazzjoni, li dik il-parti tkun vjolenti jew aggressiva fil-konfront tal-parti l-oħra.

36. L-Ewwel Qorti kienet ċara fil-kunsiderazzjonijiet tagħha meta sabet lill-konvenut waħdu ħati għat-tkissir taż-żwieġ:

> "Illi din il-Qorti semgħet liż-żewġ partijiet, lix-xhieda mressqa u fliet l-atti u wara dan l-eżerċizzju tqis il-verżjoni tal-attriċi bħala aktar verosimili. Tqis illi l-verżjoni tal-attriċi ġiet korroborata minn rapporti mal-Pulizija, mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija stess, minn ulied il-partijiet li llum-il ġurnata maġġorenni, mic-ċertifikat mediku kif ukoll ċertu fatti mill-konvenut innifsu bħal per eżempju atti vendikattivi li żarmalha l-karozza waqt li kienet qed tattendi kors. Din il-Qorti stiednet lill-ulied il-partijiet sabiex jerġgħu jaħsbuha qabel taw ix-xhieda tagħhom iżda dawn iddeċiedew li jixhdu u kienu konsistenti f'dak li qalu.
>
> Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija konvinta li l-aggressjoni u l-atteggjament tal-intimat li jahseb li hadd ma jista' ghalih u li r-regoli japplikaw ghal kulhadd barra lilu nniffsu, waslet għat-tifrik taż-żwieġ. Anke meta kien qiegħed jiddeponi, il-konvenut wera attitudni dispreġjattiva għall-aħħar lejn martu bħal jirreferi għaliha bħala "dik" u li arrekiet ruħħha minn fuq daru.

> Inoltre, il-provi kollha jindikaw illi l-konvenut ġab ruħu b'mod aggressiv waqt iż-żwieġ fil-konfront ta' martu u ta' uliedu tant li anke ġie fl-idejn ma' ibnu meta dan iddefenda lill-ommu. Il-konvenut donnu jippretendi adorazzjoni minn uliedu u dan għaliex kien imantnihom u jgħinhom fil-proġetti tal-iskola. Din il-Qorti tqis illi dawn huma r-responsabbiltajiet ta' kull ġenitur iżda mhumix l-elementi li jibnu r-rispett u relazzjoni sana bejn ġenitur u uliedu.
>
> Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-iżbilanċjar assolut fil-provi li nġiebu. Filwaqt li l-attriċi sostniet dak dikjarat minnha b'dokumenti u xhieda, l-konvenut ressaq ftit li xejn provi. Ma ssostanzjalizza bl-ebda mod la l-allegazzjoni tiegħu li martu kellha wiċċ ħaddieħor, la l-allegazzjoni li martu kienet teħodlu l-flus u twarrabhom għaliha jew li kienet tberbaq bla bżonn."

37. L-Ewwel Qorti kellha l-opportunità li tisma' t-testimonjanza tal-partijiet *viva voce.* Dan huwa wieħed mill-aktar fatturi rilevanti u mportanti meta qorti tat-tieni grad tiġi mitluba sabiex tiskossa l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet qorti tal-ewwel grad. Minn qari tas-sentenza appellata huwa aktar milli evidenti għal din il-Qorti, illi l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti huwa wieħed korrett u studjat u din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiddiskossa minnu.

38. Hemm provi biżżejjed in atti li juru li l-appellata telqet mid-dar matrimonjali mhux minħabba li kien qed isir xi xogħol strutturali fid-dar, kif jallega l-appellant, imma minħabba l-abbuż u aggressività li kienet qed issofri taħt idejn l-appellant. Ix-xhieda tal-attriċi ġiet korroborata mhux biss minn ulied il-partijiet, imma wkoll minn xhieda oħra nkluż dik tar-Reverendu Fr Joe Avellino.

39. Biex ikun ingħad kollox, l-appellant kien mhux biss xott għall-aħħar fl-espożizzjoni tal-aggravju tiegħu, iżda ma ressaq l-ebda sottomissjoni jew spjegazzjoni fejn skontu l-Ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin. Bil-fatt li l-appellant ma għoġbuhx il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar min jaħti għat-tifrik taż-żwieġ mingħajr ta' lanqas iressaq raġuni fejn l-Ewwel Qorti setgħet kienet irraġjonevoli jew manifestament żbaljata ma jikwalifikax bħala aggravju fondat li jista' jwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata.

40. **Għalhekk qed tiċħad it-tieni aggravju.**

**It-Tielet Aggravju – Analiżi skorretta tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-qsim tad-dar matrimonjali.**

41. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tiegħu l-appellant jikritika s-sentenza appellata fejn ordnat il-bejgħ tad-dar matrimonjali, fi żmien sena u nofs bi ftehim u fin-nuqqas bis-subbasta, filwaqt li ordnat lill-konvenut jiżgombra minn din id-dar *entro* tliet xhur sabiex id-dar tkun tista' tintwera lix-xerrejja prospettivi mingħajr inkwiet ta' aċċess.

42. Jilmenta l-appellant li l-Ewwel Qorti "ma ħaditx in konsiderazzjoni tal-fatt illi d-dar hija diviżibbli". Dwar it-terminu ta' tliet xhur biex jiżgombra, isemmi illi huwa m'għandux residenza alternattiva u li għalkemm għadu

jaħdem qed joqrob is-sena tal-irtir u mhux ser ikun possibbli għalih li jikri residenza alternattiva. Jinsisti illi jekk id-dar mhix komodament diviżibbli allura għandu jitħalla jibqa' jgħix fiha sakemm tinbiegħ.

43. L-appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tissottometti illi mhux minnu li d-dar hija komodament diviżibbli u li l-ebda prova ma ressaq l-appellant fir-rigward. Tissottometti wkoll illi anke li kieku kienet komodament diviżibbli, xorta waħda l-qasma fiżika tal-fond ma kelliex tiġi kkunsidrata minħabba l-imġieba tal-konvenut fil-passat fil-konfront tal-attriċi kif jirriżulta mill-atti.

44. Tgħid illi l-appellant għadu jaħdem u għandu introjtu tajjeb u għalhekk m'għandux ikollu problemi sabiex isib post residenzjali alternattiv sakemm tinbiegħ id-dar matrimonjali.

45. Din il-Qorti tqis dan it-tielet aggravju infondat. Kif sewwa osservat l-appellata fir-risposta tagħha, kien biss issa f'dan l-istadju li l-appellant qed jilmenta li d-dar matrimonjali hija komodament diviżibbli. Kienet l-attriċi li ressqet permezz ta' rapport ġuramentat it-testimonjanza tal-Perit John Attard fejn ivvaluta d-dar matrimonjali għall-prezz ta' €395,000. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-fond huwa komodament diviżibbli. Ma jistax issa f'dan l-istadju jattakka s-sentenza appellata fuq il-

pretensjoni li l-Ewwel Qorti kellha tordna l-qsim fiżiku tad-dar matrimonjali meta tali pretensjoni qatt ma tressqet quddiem l-Ewwel Qorti.

46. Huwa argument tal-appellant li tfaċċa għall-ewwel darba f'dan l-istadju tat-tieni istanza.

47. Huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna msejjaħ *noviter deductus*, u cjoè li ma hux permess li l-partijiet iressqu kwistjonijiet ġodda quddiem il-Qorti tal-Appell li ma jkunux ressqu quddiem il-qorti tal-ewwel grad (ara **A+ Building Products Limited v. Kurt Galea Pace pro et noe** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2023; **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit et** - Appell Superjuri - 11 ta' April, 2024; u **Joan Spiteri v. Anthony Spiteri et** - Appell Superjuri - 21 ta' Novembru, 2024).

48. Għalhekk biss dan l-aggravju hu bla siewi.

49. Imma anke jekk għas-saħħa tal-argument biss, tali pretensjoni kienet tressqet quddiem l-Ewwel Qorti u ġiet minnha skartata, referenza ssir għall-**Artikolu 55A (1) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi:

> "(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:

(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew
(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew
(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju sofferti".

50. Rilevanti dak li nżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Mamo v. Mamo** mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2007:

"[...] d-dritt ghall-abitazzjoni fid-dar matrimonjali huwa wiehed ferm importanti u f'kawza ta' separazzjoni personali ma jistax jigi assenjat bhal li kieku kien xi partita ordinarja tal-gid fl-assi parafernali jew fl-assi tal-komunjoni. Id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili partikolarment l-Artikolu 3A ta' l-istess Kodici, jindikaw li d-dar taz-zwieg hija meqjusa fuq livell differenti minn partiti ohra li jkunu jippossjedu l-konjugi. Hija ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, li meta l-Qorti tkun sejra tassenja d-dar matrimonjali lil xi hadd mill-partijiet f'kawza ta' separazzjoni personali hija ma tkunx marbuta essenzjalment mal-kwistjoni ta' min mill-partijiet ikollu t-titolu legali ta' dik l-istess dar matrimonjali. Invece, dak li huwa importanti meta l-Qorti taghmel tali assenjazzjoni huwa li l-gudikant jikkunsidra l-aspetti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-konsiderazzjonijiet ta' min miż-żewg konjugi jahti ghat-tifrik taz-zwieg, kif ukoll x'jehtieg li jsir fl-interess ewlieni tal-familja nnifisha biex dak li jkun baqa' min-nukleju familjari wara l-istess tifrik taz-zwieg, kemm jista' jkun jigi preservat fl-interess tal-membri kollha ta' l-istess familja."

51. Il-qsim fiżiku tad-dar matrimonjali lanqas biss huwa kontemplat f'**Artikolu 55A (1) tal-Kodiċi Ċivili** fuq ċitat. Dan ma jfissirx illi mhux possibbli li konjuġi li qed jersqu għal separazzjoni konsenswali, jiftehmu wkoll li d-dar matrimonjali tagħhom fiżikament tinqasam fi tnejn. Mill-banda l-oħra fl-assenza tal-adeżjoni da parti taż-żewġ konjuġi, qorti

m'għandhiex tikkunsidra li tordna l-qsim fiżiku tad-dar matrimojali bl-assenjazzjoni ta' nofs diviż kull parti.

52. L-appellant jilmenta wkoll fejn l-Ewwel Qorti ordnatlu joħroġ mid-dar matrimonjali mhux aktar tard minn tliet xhur mis-sentenza. Din il-Qorti tqis illi tali terminu huwa aktar minn raġjonevoli tenut kont li l-kawża ilha għadejja mis-sena 2018. Fiċ-ċirkostanzi l-konvenut kellu żmien aktar minn raġjonevoli sabiex jipprepara għal tali eventwalità. Din ma hiex eventwalità li waqgħet fuqu bħal sajjetta fil-bnazzi. Kemm hu hekk, permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu ppreżentata sitt snin ilu, huwa laqa' għat-talbiet attriċi billi ddikjara li jaqbel li għandha tiġi ippronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet; għalkemm b'tort uniku tal-attriċi; u qabel ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom tiġi xolta u li l-qorti "tillikwida l-proprjeta' komuni". Għalhekk m'għandux raġun l-appellant jilmenta li ġie ordnat jivvaka fi żmien tliet xhur; aktar u aktar meta nqisu illi bl-appell minnu intavolat it-terminu ġie estiż b'circa seba' xhur.

53. **Tiċħad għalhekk it-tielet aggravju.**

**Deċiżjoni**.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiddeċiedi kif isegwi:

1. **Tiċħad** l-appell tal-konvenut CB tat-30 ta’ Ottubru, 2024;

2. **Tikkonferma** s-sentenza appellata, b’dan li t-terminu ta’ tliet xhur sabiex il-konvenut jiżgombra mid-dar matrimonjali jibda jiddekorri mil-lum filwaqt li t-terminu ta’ sena u nofs sabiex tinbiegħ id-dar matrimonjali u fin-nuqqas tinbiegħ bis-*sub hasta*, għandu jibqa’ jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata.

3. **Bl-ispejjeż** kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss